# Klabb Hamiem Tal-Giri Fgura (1983)

## Statut u Regolamenti Tat-tigrijiet

## Loft No.

Rivedut Awissu 2008

**STATUT**

**1.00 ISEM**

***Din is-Socjeta jew Klabb*** ghandu jkollha l-isem ' **Klabb Hamiem Tal-Giri'**. Sede tas-Socjeta hi Klerku Str. , Fgura jew f'kull lokal iehor li l-kumitat jista' jaghzel bl- approvazzjoni ta' zewg terzi tal-voti sigrieti tal-membri li jivvotaw f'seduta generali straordinarja li tigi msejjha apposta.

## 2.00 ZMIEN

***Is-Socjeta*** ma tistax tigi xolta sakemm ikun ghad baqa' hamsin fil-mija u wiehed li jridu jkompluha jigifieri 30 + 1 paragunat mal-principju tar-regulament numru 7.06, F'kaz li tigi xolta, l-propjeta tas-**Socjeta** mibjugha , id-dhul min dan il-bejgh jinghata lill-istituti tal-karita.

**3.00 AREA**

***Jista jkunu membri*** ta' din is-socjeta dawk biss li ghandhom ir-residenza tal-gallinar, fil-bliet u r-rhula hawn taht imsemmija jigifieri :- **Fgura – Rahal il-Gdid – Santa Lucia – Ghajn Dwieli – Tarxien . Din hija l-area ta' din is-Socjeta** . L-ebda membru ta' din is-socjeta ma jista jkun membru ta' klabb iehor tal-hamiem f' Malta / Ghawdex.

Ara regulament 7.07

## 4.00 LAQGHAT GENERALI ANNWALI U STRAORDINARJI

4.01 ***Is-Seduta Generali Annwali*** ssir fi kwalunkwe zmien bejn id-dati ta' l-gheluq ta' l-istagun u l-ewwel ta' Ottubru ta' kull sena.

4.02 ***Il-president*** tas-Socjeta jista' isejjah seduta straordinarja kull meta jidhirlu li jkun hemm htiega.

4.03 ***L-ebda membru*** m'ghandu dritt jivvota jekk ma jkunx hallas il-menswalita dovuta jew xi dejn lejn is-Socjeta.

4.04 ***Kull membru tas-Socjeta*** li jonqos li jattendi ghal Seduta Generali Annwali jew Straordinarja bla gustifikazzjoni, fejn f'dan il-kaz huwa fl-obbligu li javza sa dak in-nhar tas-Seduta relattiva lill-president jew lis-segretarju Generali. Jekk jonqos li jaghmel dan, jehel tlett (3) tigrijiet li ssuq, ma jinghatax ebda' premju jew punti, izda l-hamiem/a tinghata l-kwalifika. Min jasal tletin (30) minuta wara li tibda l-laqgha, ghall-fini ta' dan ir-regolament, jitqies bhala assenti u f'kaz ta' l-ewwel offiza, dan jigi ammonit. Wara l-ewwel offiza huwa fid-dover tal-kumitat li lil dak il-membru iwahhlu 5 euros multa.

4.05 ***Kull membru iehor tas-Socjeta*** li jkun jixtieq jintroduci zieda jew tibdil fir-regulamenti jista' jaghti avviz t'hekk bil-miktub lis-Segretarju Generali minn l-anqas xahar minn qabel is-Seduta Generali li tinzamm kull sena. Is-Segretarju ghandu javza lil kull membru tas-socjeta u jaghtihom bil-miktub kopja ta' l-istess zieda jew tibdil proposti mill-inqas sebat ijiem (7) qabel is-Seduta. Sabiex dan il-membru ikollu dritt isejjah Seduta Generali Straordinarja biex jintroduci zieda jew tibdil fir-regolamenti, irid mill-inqas jigbor ghoxrin (20) firma tal-membri.

4.06 ***L-ebda regolament*** milli jezisti ma jista jigi ammendat jew mibdul jekk mhux b'zewg terzi tal-membri prezenti f'Seduta Generali u li jivvotaw. F'kaz ta'introduzzjoni ta' xi regolament gdid, dan ghandu jigi approvat b' maggoranza ta' voti tal-membri prezenti li jivvotaw fl-istess Seduta Generali.

**4.07** ***Kull membru li jkun jrid jikkontesta*** l-elezzjoni tal-Kumitat ghandu japplika u jimla l-formula mehtiega minghand is-Segretarju Generali mhux aktar tard minn gimgha qabel id-data tas-Seduta Generali Annwali.

**5.00 ELEZZJONI U TMEXXIJA TAL-BORD TAL-KUMITAT**

**5.01** ***Is-Socjeta*** tkun immexxija minn Kumitat ta' mhux aktar minn hdax (11) il-membru eletti f' Seduta Generali. F'kaz ta' tbattil ta' xi membru tal-kumitat, ghandu jiehu postu dak il-kandidat li jkun gab l-akbar ghadd ta'voti fl-elezzjoni ta' qabel, u li jibqa fil-kumitat ghas-sena li tkun mixja. L-ebda membru ma jista' jservi fil-kumitat jekk ma jkunx ikkontesta l-elezzjoni u bil-kwalifika ta voti mehtiega tal-kandidati l-ohra.

**5.02** ***L-ebda membru ma jista' jikkontesta*** l-elezzjoni tal-kumitat jekk dan il-membru ma jkunx ilu membru ta' din is-socjeta ghal sena minn dakinhar li tigi msejha l-elezzjoni.

**5.03** ***Il-Kumitat jigi elett*** ghal sena minn Seduta Generali sa Seduta Generali ta' sena ta' wara li ma jsirx aktar tard mill-ewwel ta' Ottubru u jigi awtomatikament xolt immedjatament appena jigi elett u kkonfermat l-kumitat il-gdid ghas-sena ta' wara. F' kaz li l-kumitat ta' qabel ixolji qabel iz-zmien Kumitat elett il-gdid ghandu dritt li jkompli ghall-istagun ta' wara li jmiss ukoll.

*5.04* ***F' kaz li kemm il-president, segretarju, kaxxxier*** jew membru ma jkunux ikkontestati, dawn iridu jgibu 50 % + 1 mill-voti tal-membri prezenti tal-Laqgha Generali. F' kaz li ma jgibux dawn il-kwoti jssir votazzjoni mill-gdid.

**5.05** ***L-elezzjoni ghall-membri*** tal-Kumitat tkun sigrieta. Il-Kumitat jelliggi minn hdanu l-ufficjali tieghu li huma:- Vici President, Ass. Kaxxier, Segretarju tat-tigrijiet u Wiri tal-Hamiem, Segretarju tac-Crieket, erbgha Clock Setters, Public Relations Officers u zewg Convoyers. Il-President, Segretarju Generali u Kaxxier ghandhom jigu eletti bil-maggoranza tal-voti tal-membri li jivvotaw fis-Seduta Generali Annwali. Dan jghodd ghall-membri ukoll.

**5.06** ***Quorum* fis-Seduta tal-Kumitat** huwa ta' sitta(6). Fis-Seduta Generali huwa ta' 50% tal-membri u wiehed. F'kaz ta' nuqqas ta' quorum is-Seduta tal-Kumitat ma ssirx u tigi msejha seduta ohra fi zmien qasir. Jekk ghal din is-Seduta jerga' ma jkunx hemm quorum sa nofs siegha wara l-hin iffissat din tinzamm xorta wahda bil-membri prezenti basta jkunu ta' l-anqas hamsa.

**5.07** ***Id-decizzjonijiet fis-Seduta*** kemm tal-Kumitat kif ukoll Generali jghaddu b' maggoranza ta' voti tal-membri prezenti. Il-President ikollu vot bhal kull membru iehor tal-Kumitat u jivvota darba wahda biss.

**5.08** ***Is-Seduti jkunu preseduti mill-President*** u fl-assenza tieghu, mill-Vici President. Fil-kaz li kemm il-President u l-Vici Preident ma jkunux jistghu jattendu ghal xi Seduta tal-Kumitat, il-membri prezenti jistghu jahtru 'Chairman' minn fost il-membri prezenti ghal dik is-Seduta partikolari.

**5.09** ***Kull membru tal-Kumitat*** li jonqos min tlett seduti tal-Kumitat wara xulxin jew sitt seduti tal-Kumitat tul l-istagun kollu bla gustifikazzjoni u din ghandha tinghata lis-Segretarju Generali qabel jew waqt is-Seduta,u trid tigi accettata mill-Kumitat bhala gustifikazzjoni valida, jitqies li rrizenja mill-Kumitat u jissejjah iehor biex jiehu postu kif intqal fir-Regulament 5.01. Kull membru ghandu jigi rregistrat fil-minuti tas-Seduta tal-Kumitat bhala 'skuzat' jekk javza li ma jistax jattendi u 'assenti'jekk dan ma javzax lill hadd sa dak inhar tas-Seduta.

**5.10** ***F'kaz ta' votazzjoni***, dawk il-membri li jkunu registrati bhala 'Ahwa', 'Missier u iben' jew 'Partners', wiehed biss ghandu dritt jivvota u wiehed biss jikkontesta l-elezzjoni tal-Kumitat.

## 6.00 OBBLIGI U DOVERI TAL-BOARD TAL-KUMITAT

6.01 ***Il-Kaxxier*** ghandu jzomm il-kontijiet tas-Socjeta. Johrog rapport ta' kull xahar dwar il-finanzi tas-Socjeta. Kopja ghas-Segretarju u kopja biex titwahhal fil- 'Notice Board' ghall-informazzjoni tal-membri. Jaghmel ir-rapport finanzjarju annwali u jiehu hsieb jimla' l-formoli ghad-Dipartiment ta-Taxxi Interni. Is-***Segretarju Generali*** ghandu jaghmel u jzomm il-korrispondenza kollha, il-minuti tas-Seduti u l-Arkivju tas-Socjeta. Il-korrispondenza u kull komunikazzjoni ohra ma' l-Agent tas-Socjeta barra minn Malta ma' l-Awtoritajiet u persuni ohra barranin jaghmilhom ***il-President*** jew persuna ohra bl-inkarigu tieghu. Is-***Segretarju tac-crieket*** ghandu jzomm 'records' tal-bejgh tac-crieket tal-Aluminium ukoll registrazzjoni ohra ta' listi tal-hamiem u/jew trasferimenti ta' crieket minn membru ghall-iehor.

6.02 ***Dawk il-membri*** kemm tal-Kumitat kif ukoll li mhumiex u li jkollhom x' jaqsmu mal-finanzi tas-Socjeta ma jistghux jzommu ghandhom aktar min 50 euros jkun x'ikun il-kaz. Jekk ghal xi raguni jew ohra xi finanzi jintilfu jew jinsterqu, l-individwu kkoncernat jkun fl-obbligu u d-dmir li jirrifondi d-differenza bejn 50 euros u s-somma li tkun intilfet jew insterqet lis-Socjeta wara li jkunu saru l-verifiki mill-Kumitat.

6.03 ***Kull membru tal-Kumitat*** huwa strettament fl-obbligu li jirritorna kull propjeta tas-Socjeta fiz-zmien 48 siegha mid-data li jibghat ir-rizenja tieghu. Kull membru tal-kumitat huwa fl'obbligu wkoll li jirritorna kull propjeta fiz-zmiem 48 siegha lill-kumitat elett wara li tkun saret is-seduta generali annwali.

6.04 ***Ic-cwievet kollha tal-Kazin*** u dawk li jassiguraw kull gheluq ta' dokumenti, rubber rings, sigilli u affarijiet ohra li jinvolvi l-assigurazzjoni tat-tigrijiet ghandhom jinzammu biss mill-President u s-Segretarju Generali

.

**6.05** ***Kull membru*** ta' din is-Socjeta ghandu jigi registrat fil-kotba tas-Socjeta bl-isem u kunjom, numru ta' I.D. indirizz postali u tal-gallinar. Jekk dan ma jkunx fl-istess indirizz, filwaqt li jigi ukoll fornut b' numru tal-gallinar u kopja ta' l-istatut.

**6.06** ***Il-kumitat ghandu s-setgha*** li jnehhi membru tal-kumitat mil-kariga li jkollu jekk ikun qieghed jonqos mill-qadi ta' dmirijietu skond il-kariga li giet moghtija lilu. Sabiex dan il-membru jigi mnehhi mill-kumitat id-decizjoni trid tigi mehuda minn zewg terzi tal-membri f'seduta tal-kumitat vot sigriet u f' dan il-kaz hadd ma jista' jastjeni.

**6.07** ***Il-President***/i onorarji ghandhom id-dritt li jattendu ghall-laqghat tal-kumitat minghajr ebda vot.

**6.08** ***Ammonti ta' flus*** fissi li jkollha s-Socjeta ma jistghux jigu utilizzati mill-kumitat tal-gurnata jekk mhux b'maggoranza ta' voti waqt Seduta Generali. Barra hekk, kull ammont li jaqbez 2500 euros fil-bidu ta' kull stagun dan irid jigi ddepozitat il-Bank f'kont fiss f'isem is-Socjeta.

**7.00 SHUBIJA**

**7.01** ***Kull applikazzjoni*** li ssir ghad-dhul ta' membri godda ghandha tigi ndirizzata lis-Segretarju Generali bil-miktub fuq il-formula mehtiega li tigi offruta mis-Socjeta fejn jigi ddikjarat kull dettal ta' :- Isem u Kunjom, numru ta' I.D., indirizz postali u dak tal-gallinar, kif ukoll firma ta' applikant u ohra tal-membri li jrid jissekondah. Kull applikant irid jipproduci l-karta ta' l-identita waqt li tkun qeghda tigi mimlija din il-formula. Kull applikazzjoni ghandha tnizzel id-data u l-hin ta' meta tpoggiet l-applikazzjoni. Biex dan il-membru l-gdid jissieheb fis-Socjeta jrridu jivvotaw il-membri tas-Socjeta u jkun mehtieg igib 50% u wiehed voti favur tieghu mill-membri kollha tas-Socjeta. Is-Segretarju Generali javza li hadd mill-membri ma jista' jastjeni meta ssir din il-votazzjoni. Dak il-membru li ghal xi raguni jew ohra halla s-Socjeta biex jissieheb ma xi ghaqda ohra jrid jikseb zewg terzi (2/3) tal-voti tal-membri prezenti waqt il-votazzjoni biex jerga' jissieheb ma din is-Socjeta.

**7.02** ***Is-Socjeta ma taccettax registrazzjoni*** ta' membri li huma taht is-sittax –il sena jekk dawn ma jkunux registrati f'isem il-genituri jew il-gwardjani taghhom.

**7.03** ***Is-Socjeta taccetta registrazzjoni*** kemm 'Misser u Iben' kif ukoll 'Ahwa' li jkunu jridu jsuqu l-hamiem separament minn indirizz wiehed. L-eta minima biex dawn ikunu jistghu jirregistraw bhala membri hija ta'16 –il sena l-fuq minghajr hsara ghar-regulament Nr. 7.02.

**7.04** ***Is-Socjeta taccetta registrazzjoni*** ta' membri bhala 'Ahwa', 'Missier u Iben' jew partners. Fil-kaz ta 'Ahwa' mhux aktar minn zewg membri tal-familja. Dawn iridu jiddikjaraw isimhom u kunjomhom komplut u bl-indirizz tal-gallinar. Fil-kaz ta' 'Ahwa' jew 'Missier u Iben' li jigu biex jisseparaw minn xulxin ikollhom dritt ghal priorita' fuq il-lista ta' nies li jkunu qeghdin jistennew fuq il 'waiting list' biex jassocjaw bhala membri, basta dawn ikunu ilhom irregistrati bhala membri f' din is-Socjeta mhux anqas minn tlett snin. Jekk membru ikun irid li jirregistra ruhu kemm bhala 'Ahwa' jew 'Missier u Iben' irid jghaddi mill-procedura li hemm fir-regulament Nr.7.01. Jekk il-partners jigu biex jinfirdu, is-Socjeta tirrikonoxxi lil dak il-membru li jkollu l-gallinar fuq indirizz tieghu.

**7.05** ***L-ebda membru*** ma jista' jsuq hamiem minn gallinar differenti hlief dak registart fil-kotba tas-Socjeta.

.

**7.06** ***In-numru ta' membri*** li ghandu jkollha s-Socjeta huwa mhux aktar minn sittin (60). Dan in-numru jkun jista jizdied biss:

**A)** Ghal dawk il-membri li jkunu diga registrati bhala 'Ahwa' jew 'Missier u Iben' li jkunu jixtiequ jinfirdu.

**B)** Ghal dawk il-membri li jirregistraw zewg gallinari fuq bejt wiehed. Taht l-ebda cirkustanza dan in-numru ma jistax jaqbez il-mija (100).

**7.07** ***Kull sena*** s-socjeta ghandha jkollha ta' lanqas membership ta' 55 loft. Jekk ghal xi raguni ma jintlahaqx dan in-numru ghandha tinfetah l-'area' li tinkludi Kottonera-Zabbar – Gudja – Ghaxaq. sakemm jintlahaq dan in-numru. Basta li l-membri barra l-area ma jkunx aktar min 30% tal-membri affiljati. Il-membri li jidhlu barra l-area iridu jgibu maggoranza tal-voti.
Dejjem jidhlu l-ewwel, dawk li jgibu l-aktar voti. Jekk ikun hemm min jgib l-istess ammont ta' voti, dawn jittelghu bil-polza quddiem il- . persuni kkoncernat. Basta li l-membri barra l-area ma jkunx aktar min 30% tal-membri affiljati.

## 8.00 HLAS TA' MENSWALITA ANNWALI

**8.01**

| | |
|---|---|
| ***Menswalita annwali*** | 24 Euros + F.Fees |
| Ahwa, Missier u Iben jew partners | 31 Euros + F.Fees |
| Dhul ta' Membru Gdid | 36 Euros + F.Fees |
| Dhul ta' Ahwa, Missier u Iben jew partners Godda | 43 Euros + F.Fees |

**8.02** ***Kull membru li ma jhallasx*** il-Menswalita ghal sena wahda jew aktar minhabba ragunijiet personali u jerga japplika biex jerga jissieheb fis-Socjeta, dan jigi meqjus bhala membru qadim bl' eccezzjoni li jkun dovut jhallas l-mizata tal-Federation ta' membru gdid. Dan ma japplikax ghal min jitlaq mis-socjeta sabiex jissieheb ma' xi ghaqda ohra. Dan minghajr hsara ghar-regolament nr.8.03.

**8.03** ***Kull membru huwa obbligat*** ihallas il-Menswalita dovuta lill-Federazzjoni.

**8.04** ***Dak il-membru*** li ma jkunx hallas il-Menswalita sa lejliet is-Seduta Generali jigi konsiderat bhala membru gdid.

## 9.00 REGULAMENTI GENERALI

**9.01** ***Dak il-membru li jinsab hati ta kondotta*** hazina jew ksur tar-regolamenti tas-Socjeta jkun suggett ghall-piena dixxiplinari u anke ghat-tkeccija min din is-socjeta. Il-kumitat huwa l-awtorita wahdanija li tista' taghti dawn il-pieni dixxiplinari kompriza it-tkeccija mis-socjeta, f'seduta li tkun issejhet ghal dan il-ghan. Il-maggoranza ta' zewg terzi 2/3 tal-voti tal-membri prezenti tkun mehtiega. Dak il-membru li jkun hekk gie ikkastigat jew mkecci ghandu jappella f'seduta generali msejha apposta wara li jkun gabar ghoxrin (20) firma mehtiega, li taghtih id-dritt ukoll li fis-seduta generali straordinarja jkun jista jigi rrapprezentat min membru iehor tas-socjeta sabiex jitkellem f'ismu u jiddefendih.

*9.02* ***Kwalunkwe xoghol*** li jsir ghas-socjeta ghandu jkun fuq bazi volontarju u minghajr ebda hlas.

**9.03** ***Huwa fl-obbligu ta' kull membru*** ta' din is-socjeta li jzomm il-hamiem tieghu maqful fil-jiem tat-tigrijiet skond ir-regolamenti tal-Federation.

**9.04** ***Kull meta isir Show*** tal-hamiem gewwa il-klabb, l-ebda membru ma ghandu jithalla jidhol hdejn il-gurija, jekk ma jintalabx xi ghajnuna min naha tal-gurija. Dan iservi ghal kull membru tal-kumitat ukoll.

**9.05** ***Kull membru li jirregistra*** ma din is-socjeta qabel l-ewwel seduta generali tas- sena 1983 jista'isuq hamiem, anke jekk ir-residenza tal-membru tinbidel ghall-lokal barra 'area' ta' din is-socjeta, basta din ir-residenza ma tkunx irregistra ma' klabb iehor. Dawk il-membri li gew wara din data, jistghu jbiddlu l-indirizz wara li jkun ilhom tlett (3) snin membri f' din is-socjeta.

**9.06** ***F'kaz li s-socjeta tigi biex thalli l-Federation*** prezenti biex tissieheb ma' xi federation ohra jew xi forma ta' Ghaqda ohra, din ghandha tigi deciza minn zewg terzi (2/3) tal-voti tal-membri prezenti, fil-laqgha li tissejjah apposta.

**9.07** ***Ir-registru***, kotba u dokumenti kollha tas-socjeta li jitrattaw id-dhul u l-hrug ta' kull xorta ta' transazzjoni finanzjarja, xiri ta' stokk u kwalunkwe materjali iehor u propjeta tal-klabb jigu ta' kull sena ezaminati u kull bilanc ikkonfermat bhala korret minn Awditur Pubbliku jkun kompetent u konoxxut u liema rapport ufficcjali jigi moqri fis-Seduta Generali ta' kull sena.

**9.08** ***Meta l-Kumitat kollu jew parti minnu***, jew xi ufficjali tieghu f'karigi mportanti u direttament konnessi u risponsabbli ghas-zamma tal-kotba imsemmija f' ' para' 9.07 jirrizenjaw bl-intenzjoni specifika li jitilqu s-socjeta wkoll, dawn ikunu marbutin bl-obbligu li l-kotba jigu spezzjonati u ccertifikati mill-awditur jew awdituri qabel it-tluq taghhom mis-Socjeta u f'liema nuqqas ikunu mizmumin risponsabbli li jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas jew /u skoretezzi.

**9.09** ***L-ebda 'Challenge Trophy'*** jew xi tazza ohra ma jistghu jigu pprezentati lir-rebbieh jekk dawn ma jkunux ipprogrammati qabel l-ewwel tigrija ta' l-istagun.

**9.10** ***Kull 'refund'*** li taghti l-Federation kemm rigward xi tigrija kif ukoll ghal xi raguni ohra, dan jibqa' ghall-fondi tas-socjeta jekk ma jkunx stipulat mod iehor mill-Federation stess.

**9.11** ***L-ebda membru ma ghandu d-dritt jorganizza pools*** fuq il-hamiem jekk dan ma jkunx awtorizzat mill-kumitat. Huwa fid-dover tal-kumitat li jekk jaghti permess lil xi membru, dan irid ihallas 10% fuq l-ammont globali tal-pools.

**9.12** ***Huwa fl-obbligu tal-kumitat li jitlob 10%*** fuq l-ammont globali ta' biegh jew ***irkant*** tal-hamiem li jsir fis-sede tas-socjeta.

**9.13** ***Il-loghob tal-karti u dagha*** gewwa is-sede tas-socjeta huwa strettament projbit.

**9.14** ***Il-kiri tal-Bar*** ghandu jkun ghall-perjodu ta' sentejn, l-ewwel sena 'di forza' skond il-kuntratt u tieni sena fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat li jkun serva f'dik is-sena partikolari. Il-kiri jittiehed b'offerta u min jiehu jrid jkun preferibbilment membru tas-Socjeta. Il-Kumitat ghandu javza xahar qabel mill-gheluq ta' l-offerti. Il-Bar ghandu jinzamm biex jaqdi l-membri u l-mistiedna taghhom. Il-kumitat izomm id-dritt li jista' jirrifjuta l-offerta l-aktar vantaggjuza.

**9.15** ***Kull apparat ta' loghob***, li ghandu jkun skond il-ligi, li jidhol fis-sede tas-socjeta ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn is-Socjeta u sid l-imsemmi apparat.

**9.16** ***L-ebda membru ma jista jithaddet fuq politika*** gewwa s-Sede tas-Socjeta. Passi dixxiplinarji jittiehdu kontra dawk il-membri li jinqabdu jiksru dan ir-regolament. Ebda membru fil-kamp politiku ma jista' jigi mistieden biex iqassam it-tazzi fil-prezentazzjoni annwali jew ghal xi okkazjoni ohra hlief il-Ministru tal-Isports tal-gurnata.

**9.17** ***Kull regolament*** li jezisti ma jistax jigi mibdul jew imnehhi jekk dan ma jkunx ilu jiffunzjona ghal-inqas sena mid-data li jkuun gie approvat.

**9.18** ***Dawk il-membri*** li jonqsu li jinzlu bil-panjers dak inhar tal-basketing u nadfuhom fir-ritorn, jehlu penali ta' l-ewwel tigrija li jsuqu billi ma jikkompetux u multa ta Lm5.

**9.19** ***Bhala rikkonoxximent*** tax-xoghol li jwettqu il-membri tal-kumitat, jinghatawlhom zewg biljetti b'xejn ghall-prezentazzjoni annwali.

**10.00 PROVIZJONI GENERALI**

**10.01** ***Kwalunkwe problema jew kwistjoni*** ohra li tista tinqala u li mhix prevista u koperta minn dan l-istatut u li bl-ebda mod ma taffetwah, tigi deciza mill-Kumitat tal-gurnata.

# REGOLAMENTI TAT-TIGRIJIET

**1.00** **HLAS TA' MENSWALITA**

**1.01** ***L-ebda membru*** ma jigi mholli jsuq hamiem jekk ma jkunx hallas il-mizata dovuta.

**1.02** ***Kull membru*** huwa obbligat ihallas il-mizata dovuta lill-Federation u kull hlas iehor.

**2.00 PROPJETA LEGALI**

**2.01** ***Il-hamiem*** irid ikun il-propjeta legali tal-membru li jkun sejjer iressqu f'ismu u l-istess hamiem irid ikun irregistrat fil-kotba tas-socjeta bhala propjeta ta' dak il-membru.

**3.00 TRASFERIMENTI**

**3.01** ***Il-hamiem*** li jkun biddel sidu jrid ikun irregistrat f’isem is-sid il-gdid ghand is-Segretarju tac-crieket.

## 4.00 LISTI TAL-HAMIEM

**4.01** ***Il-membri kollha huma obbligati*** li jissottomettu lis- Segretarju tac-crieket lista tal-hamiem flimkien mal-biljett tal-propjeta'li jkunu sejrin jikkompetu bihom qabel l-ewwel tigrija ta' l-istagun jew f'dik id-data l-ohra li tista' tigi stipulata mill-kumitat.

**4.02** ***Jistghu jizdidu fil-lista*** mhux aktar min zewg hamimiet wara li tkun ghalqet id-data. Dan ir-registrar irid isir mhux aktar tard min gimgha qabel tinstaq il-hamiema.

**4.03** ***L-ewwel zewg hamimiet*** ta' kull membru li jigu skwalifikati mit-tigrija ghax ma jkunux inkluzi fil-lista tal-hamiem ta' dik l-istess sena, jinghatalhom il-premju xorta wahda, **basta** ic-curkett ikun fir-range tac-crieket ta' l-istess membru.

**4.04** Dawk il-membri li jkunu diga utillizzaw ghal-kollox mir-Regolament 4.02 u jinstabu jsuqu hamiem li ma jkunx inkluz fil-lista, jehlu penali ta' l-ewwel tigrija li jsuqu billi ma jikkompetux u l-hamiema/hamiem titnehhielha l-kwalifika ta' dik it-tigrija li tkun hadet sehem. Ghall-iskop tar-rizultat dik jew dak il-hamiem jigu jkkunsidrati qishom ma hadux sehem fit-tigrija.

**5.00 CRIEKET**

**5.01** ***Il-membri jridu jixtru c-crieket*** mill-klabb. Jekk xi membru jixtri c-crieket minn post iehor u li ma jkunux fir-range tac-crieket tal-klabb, dawn ghandhom jigu rregistrati ghand is-Segretarju tac-crieket. Barra minn hekk, multa ta’ 5 centezmi tigi mwahhla kull stagun lil kull hamiema li tigi rregistrata fuq il-Lista tar-Registrazzjoni tan-Numri tac-crieket tal-Hamiem ghat-Tigrija.

**5.02** ***Kull hamiema mressqa ghat-tigrija*** jrid ikollha curkett tal-metall sigillat u mhux minsus u li jkun ta’ ghamla rikonoxxuta mis-socjeta u dana minghajr hsara ghar-regolament Nru.2

**5.03** ***Taht l-ebda cirkostanzi*** ma jista membru jew membri jkollhom fil-pusses taghhom curkett tal-metal ta’ l-istess numru ddublikat, jew numri diffettuzi. F’dan il-kaz wiehed minn dawn ic-crieket biss jista’ jibqa rikonoxxut. Ic-curkett l-iehor jew ohrajn iridu jigi/u distrutti mill-kumitat u f’kaz li dan jinzerta li jkun ghand zewg membri jew aktar, l-uniku propjetarju tac-curkett ikkoncernat ghandu jkun dak il-membru li jippossjedi ic-certifikat tieghu u s-serje tan-numru mieghu.

**6.00 VERIFIKA**

**6.01** ***Kull hamiema mressqa ghat-tigrija*** trid ittir ghal-Gallinar tal-membru li jkun ressaqha f'ismu.

**6.02** ***Jekk il-kumitat ikun irid***, huwa jew persuni ohra minnu nkarigati ghandhom dritt jara hajja kull hamiema u ttir ghall-gallinar taghha, ta' kull membru. L-ebda membru ma jista jopponi ghal din l-ispezzjoni.

**6.03** ***Dawk il-membri li jkollhom gallinar*** fuq l-istess indirizz jistghu jsuqu l-hamiem fuq Lofts differenti u listi tal-hamiem differenti. Transfers matul l-istagun mhux accetabbli. L-ebda hamiema ma tista' tigi trasferita minn loft ghall-iehor jekk ma jzarmax loft minnhom.

**6.04** Dik ir-residenza li fuqha jkun rregistrat aktar min gallinar wiehed ma' klabbs differenti, dak il Loft li jkun irregistrat fis-Socjeta jrid isuq mhux anqas minn zewg hamimiet kull tigrija globalment tal-programm ta' l-istagun, dan minghajr hsara ghar-regolament Nru.8.01.

**7.00 SKWALIFIKA TA' MEMBRU**

**7.01** ***Minn jinqabad isuq*** jew jipancja hamiem mhux propjeta tieghu jigi skwalifikat tul ta' Stagun shih tat-Tigrijiet awtomatikament u dana minghajr hsara ghar-regolament Nru.9.01 ta' l-istatut.

**7.02** ***Jekk jinstab li xi membru*** jew aktar, qieghed/qeghdin isuqu xi hamiem tieghu jew ta' xi membri tal-klabb u f'kaz li jkunu rebhu xi premijiet matul l-istess stagun, dawn il-premijiet jintirtu mill-membru li jipplajsja warajhom.

**7.03** ***Dak il-membru li jinqabad jittrenja*** il-hamiem ma' klabb iehor jigi mkecci mis-Socjeta.

**8.00 KUNDIZZJONI FIZIKA**

**8.01** ***Hamiem marid*** jigi rrifjutat ghat-tigrija tant mill-kumitat u kemm minn persuni inkarigati minnu kif ukoll hamiem mhux normali jew immankat ma jigix accettat fit-tigrijiet.

**9.00 KWALIFIKA TAL-HAMIEMA**

**9.01** ***Tigrijiet*** minn Reggio/Messina 'l fuq il-hamiem irid ikollu kwalifiki skond kif titlob il-Federation.

**9.02** ***Kull hamiem*** li jinstaq minghajr kwalifika jigi skwalifikat ghal tnax il-xahar min dik it-tigrija. Barra dan, jekk l-abbuz jirrepeti ruhu mill-istess membru dan ma jikkimpetix fl-ewwel tlitt tigrijiet li jiehu sehem fihom.

## 10.00 RISPONSABBBILTA’ U LIMITU TAL-HAMIEM

10.01 ***Il-hamiem imressaq ghat-tigrija*** jkun ghar-risku tas-sid mill-mument li jitlaq minn idejh, u jkun il-membru risponsabbli jekk il-hamiema jew hamiem jigix imlibbes ic-curkett tal-lastiku f’saqajh qabel jintefa’ fil-pannier.

10.02 ***Kull hamiema mressqa ghat-tigrija*** u tkun imlibbsa zewg rubber rings, wiehed jigi ppancjat u l-iehor irid jigi mtella’ l-klabb dakinhar tat-tigrija.

10.04 ***Il-limitu tal-hamiem*** li membru jista’ iressaq ghat-tigrija huwa ta’ ghaxra u li jikkompeti bihom kollha.

10.05 ***Dawk il-membri jkunu registrati*** separatament izda b’loft number differenti bhala ‘Missier u Iben’, ‘Ahwa jew Partners’, fuq l-istess indirizz ikunu jistghu jsuqu ghaxra hamimiet kull wiehed. Taht l-ebda cirkustanza ma jistgha jigi trasferit curkett minn gallinar ghall-iehor. F’kaz ta’ mewt biss ta’ wiehed minnhom jista’ jsir tranfer tac-crieket.

**11.00 SWALIFIKA TAL-HAMIEMA**

11.01 ***Kull hamiema*** li tigi mit-tigrija minghajr ic-curkett tal-lastiku tigi swalifikata.

**12.00 LIMITU TAL-GRANET TAT-TIGRIJIET**

**12.01** ***Il-granet tat-tigrijiet huma iffissati kif gej*:-**

Tigrijiet minn:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Siracusa/Belvedere | 150km | sa dik il-gurnata tat-tluq |
| b) | Reggio/Messina | 280km | sa dik il-gurnata tat-tluq |
| c) | Catanzaro/Crotone | 390km | dik il-gurnata tat-tluq u l-ghada |
| d) | Taranto/Metaponto | 580km | ara regulament 12.02 |
| e) | Brindisi/Bari | 620km | ara regulament 12.02 |
| f) | Manfredonia | 660km | ara regulament 12.02 |

**12.02** ***Min Taranto sa Manfredonia*** t-tigrija tghodd min meta tidhol l-ewwel hamiema fil-klabb sa l-ghada mat-tfaqqieh ta' l-arlogg, basta dan iz-zmien ma jkunx aktar minn dik inhar tat-tigrija u jumejn wara..

**12.03** ***Tigrijiet*** minn Taranto, Brindisi, jew Manfredonia huma suggett ghal-kull tibdil mill-Federation. F'tibdil ta' rotta ghandu jigi applikat l-istess principju mehud ta' kalkollu tad-distanzi rispettivi.

**12.04** ***F'kaz li jkun hemm xi incident*** waqt li l-hamiem ikun fit-triqtu ghat-tigrija, li b'xi mod jew iehor jista' iffixkel il-procedura normali tat-tigrijiet, dik it-tigrija ghandha tigi ikkunsidrata nulla.

**12.05** ***Il-gbir tal-hamiem*** isir fis-sede tas-socjeta. Il-hin jigi imhabbar mill-kumitat min zmien ghal zmien skond in-necessita. L-ebda race sheet jew hlas ghall-hamiem ghat-tigrija ma jigi accettat wara dan il-hin.

**13.00 THREE-WAY-TEST**

13.01 ***Hadd ma jista' juza l-arlogg*** tieghu fit-tigrijiet jekk dan ma jkollux it-'three-way-test' li jsir fil-klabb qabel kull stagun tat-tigrijiet. Jekk il-kumitat jidhirlu li l-varjazzjoni tal-arlogg ma tkunx tikkorispondi ma dik tat-'three-wat-test', dan l-arlogg jista' jigi skwalifikat.

13.02 ***Jekk sat-tielet gurnata*** (72siegha) fuq li jkunu gew issettjati l-arloggi, l-hamiem ikun ghadu ma ntelaqx, irid jerga' jsir resetting. Kull membru li ma jissottomettix l-arlogg tieghu ghal dan ir-resetting ma jkunx elegibbli ghal ebda premju jew place f'dik it-tigrija partikolari.

13.03 ***Taht l-ebda cirkostanza*** ma jista' jintuza aktar minn arlogg wiehed mill-membru f'kull tigrija u l-ebda membru tas-socjeta ma jista' jissettja, jiftah u jaqra l-arlogg tieghu stess.

13.04 ***Setting u qari*** ta' l-arlogg qabel u wara kull tigrija ghandu jsir f'hin iffissat u adattat mill-kumitat. Huwa dover ta' kull membru li josserva il-bdil tal-hinijiet.

13.05 ***Kull membru*** huwa fl'obbligu li jiehu hsieb l-arlogg tieghu rigward habel u karta, qabel kull tigrija, dan ghandu jsir tletin (30) minuta qabel is-setting punch.

**14.00 ARLOGGI DIFETTUZI**

**14.01** ***Kull arlogg*** li jvarja aktar minn minutaf'24 siegha jew proporzjon ta kemm kien hadem, f'kaz li jkun mar lura, l-hin jizdied kollu mal-pancjatura u f'kaz li l-quddiem jibqa jaqra talequali, jekk dan l-arlogg ikollu varjazzjoni differenti spissa u li ma jkunx jahdem normali ma l-arloggi l-ohra, ghandu jigi skwalifikat ghal kumplament ta' l-istagun kompetittiv.

**14.02** ***F'kaz li jieqaf xi arlogg*** fil-hinijiet tat-tigrija l-membru huwa fl-obbligu li jikkonsinna l-arlogg tieghu issigillat lis-Segretarju tat-tigrijiet ghall-ispezzjoni. Jekk jieqfu tnejn jew izjed jinghata l-ahhar place.

**14.03** ***Kull membru huwa obbligat*** li jikkonsenja l-arlogg tieghu lill-kumitat wara kull tigrija appena jidhol fil-klabb. F'kaz li l-arlogg jigi lura mit-tigrija bla sigill, dan ghandu jigi kkonsenjat lill-kumitat, fejn jigi spezzjonat quddiem l-individwu kkoncernat qabel jibdew jinfethu l-arloggi l-ohra. Id-decizzjoni tal-Kumitat tkun finali.

**15.00 QARI TA' ARLOGGI**

**15.01** ***Meta l-pancjatura*** ma tkunx cara bizzejjed li tista' tinqara ezatt, id-decizzjoni tal-Clock Setters u/jew tal-Kumitat tkun finali.

**15.02** ***Kull membru huwa obbligat*** li jgib l-arlogg il-klabb l-ghada tat-tigrija, jekk dan ikollu pancjatura fih meta tkun tigrija ta' gurnata. Meta it-tigrija tkun ta' aktar min gurnata il-membru irid inizzel l-arlogg dak inhar li jippancja. Min jonqos li jaghmel dan ma jkunx jista' jikkompeti fl-ewwel zewg tigrijiet li jiehu sehem fihom.

**15.03** ***F'kaz li tinstab pancjatura*** li tidhol ma' il-places go dawk l-arloggi li jigu wara l-gheluq tat-tigrija, dan il-place jibqa' vojt u ma jintiritx. Minghajr ebda hsara ghar-regolament Nr.19.10

**15.04** ***Fir-ritorn l-arloggi*** kollha jigu mfaqqa' darbtejn. L-ewwel pancjatura tigi mehuda bhala 'Locking Punch' wara li tkun giet imqabbla ma' t- tieni pancjatura u anki mat-'Three-Way-Test'.

**15.05** a) Ir-rebbieh ta' kull tigrija jigu ddikkjarati skond il-velocita' ta' kull hamiema(kilometri fis-siegha)
b) Il-velocita tinhadem sa' tlett punti decimali ta' kilometru fis-siegha,
c) Id-distanza ghandha tittiehed min kull loft ghal kull race point**.**

**16.00 BASKETTING**

**16.01** ***L-ebda membru*** ma jista' jikteb, jirringja, jaqra l-hamiem tieghu stess.

**16.02** ***Kull membru jew persuna*** inkarigata minnu jrid jibbaskitja l-hamiem tieghu. Il-qari tac-curkett u t-tlibbis tar-rubber rings' isir mill-membri tal-Kumitat ..

**16.03** ***Kull membru jkollu cans*** ta' darba biss tul l-istagun kollu li jasal sa hmistax il-minuta tard wara l-hin stabbilit tal-basketing.

## 17.00 PUNTI

**_17.01_ _F'kull tigrija jinghataw 30 post._**

| | Punti | 1st | 30th | Jinzlu |
|---|---|---|---|---|
| ***Pozzallo*** | 35 + 1% | 38 | 9 | 1 |
| ***Belvedere*** | 52 + 1.5% | 56.5 | 13 | 1.5 |
| ***Catania*** | 65 + 2% | 71 | 20.25 | 1.75 |
| ***Reggio/Messina*** | 93 + 3% | 102 | 29.5 | 2.5 |
| ***Catanzaro/s.Eufemia*** | 130 + 5% | 140 | 38.5 | 3.5 |
| ***Metaponto*** | 180 + 6% | 189 | 58.5 | 4.5 |
| ***Bari*** | 207 + 10% | 212 | 67.0 | 5.0 |
| ***Manfredonia*** | 220 + 14% | 234 | 74.5 | 5.5 |

Nota: Kull race point li jimbidel jittiehed l-istess principju biex jigu stabbiliti il-punti u l-percentagg.

**17.02** ***Bonus points***. Meta tigrija ma jinghalqux il-places fil-gurnata, dak il-hamiem li jkun gie 'on day'jiehu punt extra ghal kull 'place' li jkun ghad fadal.

**18.00 THIMBLES**

**18.01** ***Thimbles*** iridu jigu wzati dejjem u sabiex il-pancjatura tkun valida, it-Thimbles irid ikun mixhut fl-arlogg wiccu l-isfel jekk fil-kaz li t-tip ta' Thimbles ikunu ta' ghamla miftuha minn naha minnhom

**18.02** ***Kull membru jista' jippancja*** curkett tal-lastiku wiehed biss f'kull thimble u dik il-pancjatura li jkun fiha aktar minn curkett tal-lastiku wiehed f'kull thimble tigi skwalifikata.

**18.03** ***Pancjaturi zejda fl-arlogg*** ma jistghux isiru. Jekk bi zball jew b'necessita dan isir, allura dawk il-kompeturi li jkollhom pancjatura zejda jridu jiddikjarawha qabel ma jinfetah l-arlogg. Jekk il-membru ma jiddikjarax minn qabel, it-tieni pancjatura ghandha tinqara.

**19.00 PREMJIJIET**

**19.01** ***L-ebda tazza***, cerifikat, jew premju iehor ma jinghata ghal hamiem li jasal meta hin it-tigrija jkun ghalaq.

**19.02** ***Il-premjijiet*** ta'kull tigrija jinghataw mill-ewwel sa tmien post tar-rizultat ufficjali li johrog is-Segretarju tat-tigrijiet. Mid-disa' sa l-hamsa u ghoxrin post jinghata kumpens skond kif jiddeciedi l-Kumitat tal-gurnata.

**19.03** ***Huwa rikonoxxut*** il-principju li minn Metaponto/Taranto 'l fuq jinghata curkett tad-deheb lir-rebbieh.

**19.04** ***Ikollu dritt ghac-curkett*** tad-deheb dik il-hamiema li ttella' l-akbar numru ta' punti fit-tigrijiet il-qosra jigifieri Belvedere/Catania/Reggio/Messina. Dan jisejjah **'Best Bird Short Distance'**. Jinghata curkett tad-deheb lil dik il-hamiema li ttella' l-akbar numru ta' punti mit-tigrijiet it-twal jigifieri minn Catanzaro 'l fuq. Dan jissejjah '**Best Bird Long Distance'**. Jinghata curkett tad-deheb li dik il-hamiema li ttella' l-akbar numru ta' punti kemm fit-tigrijiet il-qosra kif ukoll fit-twal. Dan jissejjah **' Best Bird Overall'**.

**19.05** ***Ikollu dritt ghal premju*** ta 3200 km li jkun jikkonsisti f'curkett tad-deheb. Dik il-hamiema li jirnexxiela taghmel 3200 km jew izjed bi places mit-tlielaq ta' Sirakuza/ Belvedere/ Reggio/ Messina u b' certifikat li waslet fil-hin tat-tigrija minn Catanzaro 'l fuq fiz-zmien tlett snin.

**19.06** ***Jinghataw premijiet*** ghal-ewwel tmienja postijiet ta' **Short Distance**, **Long Distance** u **Overall Championship**.

**19.07** ***L-ewwel tlett membri*** li jgibu l-aktar numri ta' punti fit-tigrijiet tal-Federation jinghataw tifkira ghal-okkazzjoni.

**19.08** ***Kull shield, trofew*** jew kwalsija premju li jintrebah biex jinzamm ghal sena wahda biss, irid jigi rritornat lura lejn il-klabb fiz-zmien xahar mill-prezentazzjoni tat-tazzi u f' kundizzjoni tajba u mnaddaf. Kull hsara jew danni li jistghu issofru dawn it-trofew irid jaghmel tajjeb ghalihom il-membru kkoncernat.

**19.09** ***F'kaz ta 'Tie'*** (zewg pancjaturi identici u precizi fl-ewwel tmien postijiet) in-numru ta' premijiet jibqghu l-istess. F'kaz li t-'Tie' tkun ghall-ewwel post jinghataw zewg tazzi xorta ghall-ewwel premju waqt li l-sitta l-ohra jiehdu it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitta, is-sebgha, u t-tmien premju rispettivament. Din il-procedura tapplika bl-istess sistema ghall-premijiet u l-places kollha ta' kull tigrija tinzerta ghat-tmien premju jew ghall-ahhar place u f'liema eventwalita' jinghataw zewg premijiet jew zewg certifikati (b'numru ta' punti relattivi) f'kull kaz wara li tkun inhadmet il-varjazzjoni sal-hames punti decimali.

**19.10** ***Kull premju jew place*** li jigi skwalifikat ma jintiritx mill-hamiem l-iehor li jkun imissu fuq il-lista tar-rizultat rispettivament. Dan minnghajr ebda hsara ghar-regulamenti 4.04 u 9.02.

**19.11** ***Il-premjijiet*** jistghu jinbidlu skond ma jiddeciedi l-Kumitat tal-gurnata.

**19.12** ***Kull membru*** ghandu jkollu dritt li terga' tinqralu l-panjatura tieghu sa jumejn wara minn meta r-rizultat ufficjali johrog fuq in-notice board.

**19.13** ***Jekk ghal xi raguni*** jew ohra t-tigrijiet ikollhom jieqfu, is-socjeta tkun fl-obbligu li taghti lir-rebbieh/rebbieha ta' **Short Distance** jekk ikun ghad fadal biss zewg tigrijiet ta' din id-distanza. Biex tinghata l-**Long Distance** irid ikun ghad fadal biss l-itwal tigrija. Biex tinghata l-**Overall Shield** iridu jigu ssodisfati dawn l-imsemmija regoli tas'Short u Long Distance. Fir-regward ta' **Short-Long-Overall Best Bird** tigi applikata l-istess regola msemmija.

**19.14** ***F'kaz li t-tigrijiet*** minn fuq l-art ikollhom jieqfu u jibdew isiru minn fuq il-bahar, is-Socjeta tkun fl-obbligu li tkomplihom. Dan il-kaz tkun trid issir previzzjoni tal-prezz tal-hamiema.

**19.15** ***Dak il-membru li jirbah Section*** f'tigrija tal-Federation jinghata curkett tad-deheb.

**19.16** ***Jekk ghal xi ragun*** jew iehor it-tigrijiet ikollhom jieqfu min fuq l-art u jibdew isiru min fuq il-bahar, il-Kumitat ikun fid-dmir li jkompli jiehu sehem f'dawn it-tigrijiet bil-kundizzjonijiet li gejjien b'ebda hsara ghal xi regolament iehor.

**a)** It-tigrijiet ma jkunux jghoddu ghall-ebda aggregate,

**b)** Li l-premjijiet jinghataw skond il-qligh li jkun hemm f'kull tigrija partikolari bil-prezz jigi aggustat skond il-kaz ki jkun.

**c)** Li l-kwalifika tkun tghodd.

**22.00 PROBLEMI**

**22.01** ***Kwalunkwe problema jew kwistjoni*** ohra li tista' tinqala' u li mhix prevista u koperta f'dawn ir-regolamenti ta' hawn fuq u li bl-ebda mod ma taffetwahomx, tigi deciza mill-kumitat tal-gurnata.